MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' April, 2009

Numru 136/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**
**vs**

**CHRISTOPHER MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Micallef ta’ 40 sena mwieled Pieta nhar is-7 Ta’ Jannar 1967 bin Paul u Mary nee’ Micallef residenti gewwa residenza 10 Santa Marija Triq il-Manikata il-Manikata Mellieha detentur ta’ Karta ta’ l-Identita Nru. 35767M.

Billi gie akkuzat talli:

Nhar il-14 ta' Frar 2007 ghall-habta ta' 4.30pm gewwa Triq il-Kbira San Guzepp il-Hamrun bil-hsieb li jikkometti delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u taghha bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ittanta li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuni ta' Paul Bugeja mill-Hamrun liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew mill volonta ta Micallef u dan ai terminu tal-artikoli 41, 214, 216(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghall-Paul Bugeja sabiex jingurjah iddejqhu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa Triq il-Kbiar Il-Hamrun Santa Venera volontarjament kiser il-bon –ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa Santa Venera hedded lill-istess Paul Bugeja bi kliem u dan ai terimnu tal-artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi u fil-granet ta' qabel anke fi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin kien fil-pussess u garr strument li jaqtgha u bil-ponta minghajr licenzja tal-kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu tal-artikolu 6, 7 u 8 tal-kapitolu 480 tal-Ligijiet Ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Paul Bugeja u Familjari tieghu kif ukoll ta' Shirley Abela u familjari taghha sabiex jinzamm il-bon

ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissatha kif jidhrilha xieraq l-Onorabli qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383(1), (2), (3), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. TM1 u nnutat li l-imputat Christopher Micallef m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni tal-Ispettur Mario Tonna moghtija fis-Seduta tat-22 ta' Frar, 2007, fejn, inter alia, qal:

"…….. jiena ghamilt ricerka is-sistema kompjuterizata tal-Pulizija fejn jirrizulta <u>li Christopher Micallef m'ghandu l-ebda licenzja kwalunkwe kemm biex izomm jew kemm biex igorr xi arma jew strument li jaqta' mill-Kummissarju tal-Pulizija</u>. Fil-fatt qed nipprezenta zewg dokumenti li qed jigu mmarkati TM2 u TM3. Qed nipprezenta wkoll is-sikkina li kienet ittiehdet mill-pussess ta' Christopher Micallef dikinhar li qed tigi mmarkata bhala dok TM4." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' PS1141 Noel Tanti li fis-Seduta tat-22 ta' Frar, 2007, inter alia, qal:

"Jiena u sejjer fuq il-post kien hemm nies li gibduli l-attenzjoni li l-persuna li kien qieghed ihabbat mal-bieb kien l-imputat. Jiena akkumpanjat minn PC 1052 fil-fatt waqqafna lil imputat waqt li huwa l-imputat rajtu beda jhedded. Bdejt nisimghu jghid kliem noqtlok, noqtlok, l-ewwel inti. Nghid li ahna lil imputat ukoll kellna nnehulu sikkina li kellu f'idejh. Qed nigi muri dokument dok TM 4 nikkonferma li din kienet is-sikkina li hadna minn idejn l-imputat f'din l-okkazzjoni li qed insemmi.

L-imputat kien qieghed barra u hawn ukoll l-imputat beda jhedded beda jinsulenta lilna l-Pulizija."

In-kontro-ezami, l-istess xhud, fl-istess Seduta, inter alia, qal:

"………………………".

"Nikkonferma li jiena lil imputat ma kontx rajtu jhabbat ma bieb. Nghid illi l-imputat ahna meta rajnih vicin il-knisja kien qieghed jigri wara wiehed. Nixtieq nghid li jiena dak li rajt kien illi l-imputat innutajtu li kien qed jipprova jfittex lil xi hadd."

"………………………".

"Nghid meta jiena mal-kollega tieghi ersaqna lejn l-imputat huwa kellu s-sikkina f'idejh u lilna beda jheddidna biex ma nersqux lejh." "…………" "Nghid l-imputat meta ahna

ersaqna lejh huwa ma kienx wieqaf, anzi nghid kien miexi pass mghaggel" "…………………." "Qed nigi mistoqsi jekk bhala stat ta' fatt jekk is-sikkina kienet fil-but tal-imputat nghid li le."

"……………………….".

"L-imputat meta kellu s-sikkina f'idu u rajnih ahna ma kienx qieghed ixxejirha s-sikkina. Is-sikkina kien qieghed izommha f'idu. Nghid illi meta kien qed izomm is-sikkina l-id kienet imtella'. Nixtieq inzid nghid li oltre Pc 1052 kien hemm ukoll Pc 139 jassistuni……………" (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Paul Bugeja li fis-Seduta tat-22 ta' Frar, 2007 qal:

"Nghid illi fl-14 ta' Frar 2007 fl-4.15pm jiena hrigt mill-bieb tal-flat tieghi ghalaqt il-bieb. Kif ghalaqt il-bieb jiena bdejt nisma hafna daqqiet bis-sahha mal-bieb ta' tahti. Jiena ittawalt mit-tieqa biex nara inqalax xi haga u ma rajt xejn. U jiena qaghadt fir-ras tat-tarag biex nara x'se jigri. Wara ftit storbju nara ragel tiela' li qatt ma kont rajtu qabel. U dan tela' minn nofs tat-tarag. Jiena staqsejtu riedx lil xi hadd u hu qalli mela. Saqsejtu lil min irid u qalli li ried lil David u cioe lit-tifel tieghi. Ghidtlu li David ma kienx hemm. Huwa baqa' tiela' t-tarag. Huwa mbaghad fejn hemm l-indana gie fuq l-indana. Huwa kien qieghed fuq parti ohra tal-indana. Saqsieni jekk jien hux missieru u ghidtlu iwa. Qalli ha nurik. Dahhal idejh f' hobbu u hareg bicca ta' sikkina kbira. U qalli b'din ha noqtlu lil David u qalli ha nibda minnek. Kif qalli ha nibda minnek missni minn fuq spallti u ghoddu gerbibni t-tarag u jiena hadt l-opportunita u hrabt il' barra sitta sitta. U meta huwa hareg is-sikkina minn hobbu huwa qalli b'din ha noqtlu lil David. Nghid id-distanza bejni u bejn l-imputat li dak il-hin kellu s-sikkina f'idu kienet ta' xi hames piedi. Nghid illi hu kif l-imputat qalli nibda bik huwa kien missni fuq spallti u kont ghodni ha naqa' t-tarag u jien tlaqt nigri l-barra. Nghid fl-ebda mument l-imputat ma xejjer is-sikkina f'wicci jew fil-konfront tieghi.

Li ghamel hu hareg is-sikkina minn go hobbu, hareg is-sikkina b'idejh fl-arja. Nghid meta huwa hareg is-sikkina b' idu inn hobbu hu s-sikkina xejjirha fl-ajru pero' ma xejjiriex fil-konfront tieghi jew f'wicci. Nghid illi hu lili kien heddidni u lili qalli nibda bik. Nghid illi l-persuna li qalli jheddidni u hareg is-sikkina qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Qed nigi muri dokument Dok Tm 4. Nghid jiena l-manku ma kontx rajtu pero' l-blade rajtha tleqq. Nghid in kwantu l-fatt jekk tixbahx is-sikkina li rajt nghid iwa tixbaha. Jiena meta hrigtx barra mort fil-hanut ta' hdejna u mort nistahba. U ghidt lil sid tal-hanut biex icempel lil Pulizija. Il-hanut jismu Ventura li dhalt fih. F'affarijiet ta' hames minuti giet il-karozza tal-Pulizija." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta, inter alia, qal:

"Nghid illi jiena meta hrigt mill-blokk tal-appartamenti jiena ma tlaqtx nigri fit-triq dhalt mill-ewwel gol-hanut." "……………"

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi prodotti l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Christopher Micallef li giet moghtija a tenur tal-artikoli 41(1)(a), 214 u 216(1)(a) u (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma gietx sufficjentement ippruvata. Difatti ma jirrizultawx ippruvati b'mod sodisfacenti l-elementi essenzjali ghas-sussistenza ta' din l-ewwel akkuza. F' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehed ix-xhud Paul Bugeja (Seduta tat-22 ta' Frar, 2007 – Vide supra f'din is-Sentenza).

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat liema akkuza giet moghtija a tenur tal-art 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sufficjentement ippruvata.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Paul Bugeja (Seduta tat-22 ta' Frar, 2007) fejn dan ix-xhud qal:

"Kif qalli ha nibda minnek missni minn fuq spallti u ghoddu gerbibni t-tarag." (Sottolinjar tal-Qorti).

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-istess imputat liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

F'dan ir-rigward taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PS1141 Noel Tanti (Seduta tat-22 ta' Frar, 2007) u ghad-deposizzjoni ta' Paul Bugeja (Seduta tat-22 ta' Frar, 2007).

Rigward ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imputat Christopher Micallef liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

F'dan ir-rigward il-Qorti ticcita is-segwenti bran mid-deposizzjoni tax-xhud Paul Bugeja (Seduta tat-22 ta' Frar, 2007): "Dahhal idejh f'hobbu u hareg bicca ta' sikkina kbira. U qalli b'din ha noqtlu lil David qalli ha nibda minnek." (Sottolinjar tal-Qorti).

Inkwantu ghall-hames akkuza migjuba kontra l-imputat Christopher Micallef liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza giet sufficentement ippruvata. F'dan ir-rigward taghmel referenza ghad-deposizzjonijiet tal-Ispettur Mario Tonna ta' PS 1141 Noel Tanti u Paul Bugeja kollha moghtija fis-Seduta tat-22 ta' Frar, 2007 u ghad-dokumenti TM2 u TM3 esebiti mill-Ispettur Mario Tonna fis-Seduta tat-22 ta' Frar, 2007. F'dan ir-rigward taghmel ukoll referenza ghas-segwenti bran mill-Istqarrija tal-imputat Christopher Micallef esebita bhala MT2:

"M. Fuqek instabet din s-sikkin ali qed nurik hawn din ghaliex kienet fuqek?

T. Ghax bzajt li jsawwatni.

M. Din is-sikkina min fejn gibtha?
T. Mid-dar.

M. Jigifieri garrejtha mieghek mill- manikata sal-Hamrun?
T. Iva.
"……………………..".

"M. Ghandek xi forma ta' licenzja sabiex izzomm u iggorr sikkina fuqek?
T. Le"

Rat l-artikoli 339(1)(d), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost nkwantu ghal ewwel akkuza ma ssibx lill-imputat Christopher Micallef hati ta' din l-akkuza stante li ma gietx sufficjentement ippruvata u minnha tilliberah, issib lill-imputat Christopher Micallef hati tat-tieni akkuza, tat-tielet akkuza, tar-raba' akkuza u tal-hames akkuza migjuba kontra tieghu u tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat tikkundanna lill-istess imputat Christopher Micallef ghall-piena ta' tmienja u hamsin Euro (Euro 58) ammenda ghal kull wahda mill-akkuzi tnejn, tlieta u erba' u nkwantu ghal hames akkuza tikkundanna lill-imputat Christopher Micallef ghall-piena ta' mija u sittax Ewro u seba' u erbghin centezmi ta' Euro (Euro 116.47) multa.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska tas-sikkina esebita bhala dok TM4 mill-Ispettur Mario Tonna fis-Seduta tat-22 ta' Frar, 2007.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Christopher

Micallef b'obbligazzjoni personali ta' elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro 1165) li jzomm il-kwiet ma' Paul Bugeja u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------